

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2019
(OR. en)**

14823/19

**EF 353
ECOFIN 1111
DROIPEN 195
CRIMORG 165
CT 135
FISC 475
COTER 166
FSC 6**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet strateġiċi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar prijoritajiet strateġiċi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3736 laqgħa tiegħu li saret fil-5 ta' Diċembru 2019 fi Brussell.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar
prijoritajiet strateġiċi dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2016¹ u l-Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024², u b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2016³, Ottubru 2016⁴ u Diċembru 2018⁵ dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, JISSOTTOLINJA li l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu tibqa' prijorità għolja għall-Unjoni Ewropea.
2. JIRRIKONOXXI s-sinifikat tal-bidliet reċenti fil-qafas legali, inkluż l-adozzjoni tal-ħames Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali u d-Direttiva dwar il-faċilitazzjoni tal-użu ta' informazzjoni finanzjarja għall-ġlieda kontra l-kriminalità, il-kjarifika tar-rwol tas-superviżuri prudenzjali fil-ħames Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, u r-rwol imsaħħaħ tal-Awtorità Bankarja Ewropea fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu permezz tal-emenda tar-Regolamenti ta' twaqqif tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.
3. JINNOTA l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-2018 u l-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-oqfsa tagħhom għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu wara l-każijiet reċenti ta' allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus li jinvolvu l-banek tal-UE.

¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2016 (ST 26/16).

² Aġenda Strateġika tal-UE għall-2019-2024 (ST EUCO 9/19), li tappella għal titjib fil-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali.

³ Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (ST 6068/16).

⁴ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri ulterjuri biex jittejbu t-trasparenza u l-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa (ST 13139/16).

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (ST 15164/18).

4. JILQA' r-rapporti ppreżentati mill-Kummissjoni f'Lulju 2019⁶ dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. JINNOTA diversi każijiet identifikati ta' implimentazzjoni u applikazzjoni inadegwati tal-qafas rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transfruntiera.

5. JISSOTTOLINJA l-importanza li jittieħed approċċ olistiku, u JINNOTA li hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu determinati l-oqsma li fihom il-qafas legali attwali jista' jiġi armonizzat aktar fl-Unjoni kollha sabiex id-diversi awtoritajiet kompetenti u entitajiet marbutin b'obbligu jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod aktar effettiv, u jippermettu kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar effettivi. JINNOTA li tali ħidma m'għandhiex tkun limitata għas-settur finanzjarju, u li tista' tingħata kunsiderazzjoni wkoll għall-armonizzazzjoni ulterjuri ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati ma' setturi oħra koperti mil-leġislazzjoni rilevanti.

6. JIRRIKONOXXI l-importanza tas-sejbiet fir-rapporti tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet strutturali pendenti relatati mas-superviżuri ta' kontra l-ħasil tal-flus u l-ħtieġa għal koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u JINNOTA li l-indirizzar tagħhom itejjeb l-effettività tal-qafas attwali.

⁶ Id-dokumenti ST 11514/19 (+ADD1), ST 11516/19, ST 11517/19, ST 11518/19, ST 11519/19.

7. JISSOTTOLINJA li riformi potenzjali għandhom jitfasslu b'mod komprensiv, jikkunsidraw il-bidliet reċenti għall-qafas legali u l-miżuri mwettqa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill tal-2018, u jqisu r-rwol tad-diversi awtoritajiet kompetenti involuti fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, filwaqt li jipproteġu l-integrità tas-suq intern, l-istabbiltà finanzjarja u s-sigurtà tal-Unjoni, u jkunu konformi mal-prinċipji ġenerali tat-Trattati, bħall-proporzjonalità u s-sussidjarjetà.
8. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja biex jiġu indirizzati l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż billi jissaħħu l-kooperazzjoni tagħhom u l-ħidma ta' koordinazzjoni mwettqa mill-Pjattaforma tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tal-UE.
9. JIRRIKONOXXI s-sejbiet fil-valutazzjoni tar-riskji supranazzjonali u JIRRIKONOXXI li l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali għandhom jagħmlu użu minn dawk is-sejbiet, kif minqax fid-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus.
10. JINNOTA li l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma fenomeni globali li ma jiqfux fil-fruntieri tal-UE, u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-ħidma li tinsab għaddejja fil-fora internazzjonali, b'mod partikolari l-isforzi li saru fil-kuntest tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) biex jiġu promossi standards internazzjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

11. JINNOTA l-ħidma li saret mill-Kummissjoni fir-raffinar tal-metodoloġija biex jiġu identifikati pajjiżi terzi b'riskju għoli, kif meħtieġ mid-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.
12. IFAKKAR l-impenji li ttieħdu fil-G20, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' livell għoli dwar it-trasparenza u s-sjeda benefiċjarja, li jibqgħu prijorià ewlenija fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

F'dan il-kuntest, IL-KUNSILL:

13. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri kollha jlestu malajr it-traspożizzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti kollha tal-Unjoni f'dan il-qasam u jsaħħu l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettivi tagħha mill-aktar fis possibbli.
14. JAPPELLA lill-partijiet rilevanti kollha jlestu l-azzjonijiet deskritti fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus ta' Diċembru 2018.
15. JAPPELLA li jżdiedu l-isforzi biex jinkiseb rikonoxximent tan-natura supranazzjonali tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu mill-FATF u MONEYVAL, filwaqt li jinnota wkoll li l-istandards internazzjonali għandhom ikomplu jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni b'mod f'waqtu u komprensiv sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa u uniformi fis-suq intern kollu.

16. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa, bħala kwistjoni ta' prijorità, kwalunkwe restrizzjoni possibbli li tirriżulta minn leġislazzjoni eżistenti, jew in-nuqqas tagħha, fir-rigward ta' skambju effiċjenti ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha involuti fl-implimentazzjoni u s-superviżjoni tal-qafas tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta, jekk ikun xieraq, proposti leġislattivi biex jiġu indirizzati s-sejbiet tagħha.
17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tikkunsidra l-possibbiltà li jinħoloq mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u appoġġ li jħeġġeġ u jiffaċilita l-ħidma transfruntiera tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja, inkluż permezz tat-tiżiħ tal-kooperazzjoni strateġika u l-promozzjoni ta' analiżijiet konġunti.
18. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli tesplora azzjonijiet biex jissaħħaħ il-qafas tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż billi tikkunsidra jekk xi aspetti jistgħux jiġu indirizzati aħjar permezz ta' regolament, u billi tesplora l-opportunitajiet u l-isfidi fl-użu tal-innovazzjoni teknoloġika fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħti prijorità lis-settur finanzjarju iżda wkoll tqis aktar titjib għall-qafas għal ċerti oqsma tas-settur mhux finanzjarju, filwaqt li tqis l-impatt tal-implimentazzjoni tal-qafas legal introdott dan l-aħħar.

19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra diversi modi kif tiżgura superviżjoni ta' kwalità għolja u konsistenti kontra l-ħasil tal-flus fl-Unjoni kollha, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għar-robustezza u l-effiċjenza tal-prattiki ta' infurzar, anki meta jkunu involuti aspetti transfruntiera u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet.
20. JISTIEDEN lil-Kummissjoni tesplora b'mod partikolari l-possibbiltajiet, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tagħti ċerti responsabbiltajiet u setgħat għas-superviżjoni tal-ħasil tal-flus lil korp tal-Unjoni bi struttura indipendenti u setgħat diretti vis-à-vis ċerti entitajiet obbligati magħżula mill-korp tal-UE f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq ir-riskju, b'kont meħud tal-aspetti transkonfinali, u abbażi ta' analiżi komprensiva, tippreżenta proposti leġiżlattivi f'dak ir-rigward b'mod parallel ma' sforzi biex jinkiseb livell oġhla ta' armonizzazzjoni permezz ta' regolament dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus.
21. JISTIEDEN lill-Kummissjoni taħdem fuq l-azzjonijiet deskritti hawn fuq f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u tirrapporta kull sitt xhur, l-ewwel darba f'Ġunju 2020.
